# IL-FERĦ TAL-MILIED

Aktar minn elf u disa'-mitt sena ilu, f'lejla kiesħa taxxitwa deher mixgħul is-sema b'dija tal-għaġeb, u xi ragħajja li kienu jindokraw l-imrieħel tagħhom in-naħa ta' Betlem, belt ċkejkna tal-Lhudija, semgħu leħen ħiereġ minn dik id-dija: "Ġieħ lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliema lill-bnedmin ta' rieda tajba. Morru u araw, għaliex twieled is-sultan tal-paċi."

Ġrew ir-ragħajja u sabu kif qalilhom il-Leħen; sabu, ġewwa għar li kien jaqdi bħala maqjel, omm żagħżugħa b'tarbija tat-twelid, ħelwa bi ħlewwa barranija, imgeżwra ġe' ħrieqi ndaf, iżda fqajrin, .. u ferħu.

Minn dak-in-nhar sa l-lum għaddew minn fuq id-dinja ġrajja kbar: twieldu saltniet u mietu, drawwiet tnisslu u ntemmu, saru liġijiet u waqgħu u għaddew, bħala rwiefen, gwerer, ġlied, taqlib, mard; imma dak il-ferħ tar-ragħajja, li kellhom rieda tajba, għadu jinħass ma' kull dawra ta' sena.

Riesaq il-Milied! U kullħadd jitqanqal. Minn ħafna ġranet qabel, tara ħerqa li ma hix ta' kulljum, ħerqa ta' darba fis-sena. Donnu għal dak-in-nhar kullħadd u kollox irid iħejji l-libsa tal-btala, il-libsa tal-ferħ, il-libsa ta' l-Għid. Fil-knejjes tinħasel il-qiegħa ta' l-art, jiżżejnu l-artali, jirtmaw arazzi jew damaski, u deheb u fided jilmaw minn kull ġenb malli jixgħel xi dawl sabiħ li jikser f'dawk l-imqades, id-dalma ta' filgħaxija. Fid-djar jinfetħu kxaxen minn ħafna xhur magħluka, u jinfirex għażel, jiddendlu purtieri, jitqassmu ħwejjeġ u xogħlijiet ta' ġmiel u ta' żina. Fil-ħwienet tibda l-ħeġġa, il-għaqal, id-dehen fit-tqegħid u fit-taqsim ta' l-biegħa fil-wirjiet tal-kristall, fit-twieqi, fil-bibien u barra mill-bibien. Fit-triqat tgeġwiġ mgħaġġel, ferrieħ, kelliemi, daħkani, ta' nisa, ta' rġiel, ta' tfal, li timxi, li tieqaf, li tħares, li tixtri, li ġġorr lejn id-dar; it-tfal armati tajjeb, bil-pasturi tat-tafal, bil-bambini tax-xama', bil-ġugarelli tal-landa ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull daqs.

Ħaġa misterjuża! Mhux kullħadd jemmen dak li jfisser il-Milied; mhux kullħadd jifhem il-għaliex għandu jifraħ; mhux kullħadd jaf meta, kif u fejn tnissel dan il-ferħ tal-familji, ta' l-ibliet, tal-ġnus, tad-dinja; imma kullħadd iħoss li għandu jifraħ; u dak il-ferħ donnu jittieħed, jinxtered, jikber bħal nar f'għalqa żargħa misjur. Saħansitra l-Lhud,

l-egħdewwa bil-ħalfa ta' Kristu, jifirħu. Xinhu dan il-misterju?

Naħseb li ħadd ma jaf sewwa: imma jiena nistħajjlu bħal dawl, bħal baħar ta' dija nieżla mis-sema, li tħaddan kollox, timla kollox, issebbaħ kollox, issaħħaħ kollox; dija bħal dik tax-xemx li ma tistax taħrab minnha, għaliex fejn ma tasalx bid-dawl tasal bis-sħana, bil-qawwa tagħha li ssaffi, li ttuq, li tfejjaq, li tqawwi, li taħji, li tgħajjex; dija li tara kollox jitbiddel u jintemm maż-żmien, iżda hi la tintemm u la titbiddel.

Il-Ferħ tal-Milied hi l-Qawwa t'Alla li titwieled kull sena.

**Dun Karm**